KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 29**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta 14 ta' Awissu, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Joseph Cuschieri – Kunsillier
Carmen Borg – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti – Kunsillier

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**29.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

29.01.01 Cynthia Tommasuolo – Kunsillier / Efrem Buttiġieġ – Kunsillier

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**29.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

29.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 28 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**29.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

29.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li t-tenders għal-proġett ta' restawr ta' l-binja fejn kienet il-ferrovija, dawk ta' r-restawr u pavimentar għalqu. Huwa qal li hemm bżonn issir l-evalwazzjoni u issuġerixxa li l-board ikun kompost min Pawlu Galea bħala Chairmanu Daniel Bugeja bħala Segreatrju, filwaqt li l-voting members ikunu Christian Sammut, Efrem Buttigieg u Adrian Mifsud. Huwa issuġerixxa wkoll li jekk ikun hemm bżonn il-kunsill joħroġ fondi biex dan il-proġett ikun jista jsir. Il-Kunsill qabel unanimament miegħu.

29.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill applikaw iktar madwar 50 persuna għal l-iskema ta' r-restawr ta' l-faċċata fi' Triq il-Kbira, San Ġużepp. maħruġa mil-gvern u apella biex inħeġġu iktar nies.

29.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li triq Kapillan Mifsud waslet fl-aħħar fażi. Huwa qal li l-pjan hu li l-fanali jeħlu sa' l-aħħar ta' s-sena. Filwaqt li informa kunsill li beda ix-xogħol fuq Pjazza Kappilan Muscat li ħa jkun finanzjat bi'skema ta' l-gvern

29.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-proġett li s-Sindku u s-Segretarju Eżżekutiv attendew ġewwa Gondomar fil-Portugal flimkien ma' 19 il-pajjiż ieħor jista jħalli frott tajjeb. Huwa qal li intqajna ma' diversi rħula u qsamna ħafna ideat filwaqt li għamilna diversi ħbiberiji. Is-Sindku qal li dan il-proġett ikompli is-sena d-diehla u jittama li dawn il-ħbiberiji jisarfu f'iktar ġid għal Ħamrun.

29.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-ħaddiema li bħalissa qeda bil-Leave ta' l-maternita għamlet talba għal Parental Leave ta' Sena bla ħlas. Kunsill qabel unanimament li dan jingħata. Huwa issuġerixxa li tinħareġ sejħa għal skrivan/a fi' skala 15. Minħabba li l-finanzi ta' l-kunsill huma fi' stat tajjeb, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

29.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-applikazzjoni biex ikollna Animal Stewards min skema ta' l-gvern ġiet aċettata, għaldaqstant qed nistenew iktar instruzzjonjiet biex nimpjegaw 2 persuni.

29.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li Heritage Malta sa' jibdew r-restawr ta' l-Monument ta' Anton Buttigieg f'Ottubru

29.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-kuntratur imqabad mil-kunsill biex jagħmel ir-restawr ta' n-niċċa ta' San Antnin baqa ma' bediex ix-xogħol. Huwa issuġerixxa li nqabdu kuntrattur ieħor bi' spiża ta' €2000. Kunsill Qabel unanimament.

29.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li hemm xi' persuni qed japplikaw għal l-iskema ta' ħaddiema bi' bżonijiet speċjali. Huwa issugerixxa li jsiru l-intervisti hekk kif tagħlaq id-data ta' meta jistgħu japplikaw l-aħħar. Kunsill qabel unanimament.

29.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li wara li ġie avviċinat min xi kunsilliera kif ukoll residenti, jixtieq li tiġi diskussa is-sitwazzjoni ta' l-uffiċju ta' l-Kunsill. Huwa qal li bħalissa hawn sitwazzjoni fejn il-ħaddiema klerikali qed jagħmlu ħafna pika ma' xulxin. **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** issuġerixxa li jintefa il-mikrofonu biex kullħadd jitkellem liberament. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal li personalment talab waħda mil-ħaddiema biex tagħmel xogħol fil-customer care u din irrifjutat. Dan meta kien hemm xogħol urġenti li ħaddiema oħra riedet tagħmel u kien hemm bzonn li din tagħmel replacement tagħha fil-customer care. Din bagħqat tgħid li ma tridtx tmur u ma marret fl-ebda ħin. Dan bil-konsegwenza li xoghol l-ieħor ma' sarx għax kellha tibqa l-impjegata l-oħra biex taqdi n-nies. Huwa qal li din is-sitwazzjoni mhux aċċetabli u għaldaqstant għalhekk ħass li kellu jinvolvi il-kunsill. Il-kunsill qabel unanimament li jinħareġ warning bil-miktub lil din il-ħaddiema.

**Is-Sindku** irefera wkoll għal piki ohra bejn l-impjegati specjalment fil-customer care. Hu informa l-kunsill dwar diversi argument li kienu nqala riċentament fejn qal li minħabba kwistjoni ta' piki u argumenti bejn l-ħaddiema, il-kunsill ma' setax' jagħti l-aħjar servizz possibli. Huwa spjega dwar argument li nqala fejn il-ħaddiema oħra kellom jagħlqu l-bieb ta' l-kunsill minħabba storbju eċċesiv u ġlied bejn il-ħaddiema. Huwa qal li filwaqt li jemmen li argumenti jista jinqalaw u dejjem gew solvuti nternament, hu inaccetabli li ma jinghatax servizz lin-nies minħabba ġlied bejniethom. Dan apparti image ħazin li jagħtu l-kunsill.

**Is-Sindku** qal li saru diversi laqgħat bejn l-istaff fejn kien spjegat dak mistenni minnhom.

**Is-Segretarju Eżżekutiv** qal li waqt dan l-argument huwa ma' kienx preżenti u jihder li dan inqala wara li huwa ta xi istruzzjonjiet kif għandom jaħdmu iżda waħda mil-ħaddiema qaltlu li diġa fthemu bejnietom, huwa iċara li minħabba li jemmen li l-ħaddiema huma maturi, dan ħalla f'idejom. Skont waħda mil-impjegati dan ma' kienx minnu u għaldaqstant inqala l-argument. Huwa irimarka li anki jekk ma' jkunx

hemm qbil jew ikun hemm argumenti, dawn għandhom jiġu diskussi u bl-ebda’ modt ma’ għandu jieqaf is-servizz ta’ l-kunsill.

**Is-Segretarju Ezzekutiv** qal li din l-istess impjegata tkellmet miegħu b’arroganza, fejn anki kella kliem mhux xieraq kif ukoll għoliet leħina diversi drabi miegħu. Huwa qal li ma’ kienx l-ewwel darba u din kienet diġa informata biex ma’ tagħmilx dan.

Għaldaqstant il-kunsill, wara li sema’ dawn l-affarijiet, kif ukoll anki rapporti mingħand xi residenti, qabel unanimament li jingħataw warning minħabba nuqass ta’ servizz lejn ir-residenti u nuqqas ta' tim work li ilu jinhass. Sitwazzjoni fejn flokk jghinu l-xurxien qeghdin ifixxklu lill xurxien. Kif ukoll li l-impjegata li kella insuburdinazzjoni ma’ superjuri, jiġi mniżżel dan l-att ukoll, kif ukoll li dan ma’ kienx l-ewwel każ. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk dawn jixtiequ jikontestaw dan il-warning, huma jistgħu jagħmlu dan billi jihdru quddiem il-kunsill.
.

**29.04**

**Jum il-Ħamrun**

29.04.01

Waqt diskussjoni dwar Jum il-Ħamrun il-kunsill qabel unanimament li :

- Jiġu mistiedna 150 persuna, li jinkludi l-għaqdiet, nies distinti li huma involuti ma’ l-Ħamrun, staff ta’ l-Kunsill, persuna ohra ta’ dawk li ha’ jirċieevu apprezzament u persuni li jigħnuna fil-kunsill
- Li s-serata tiġi preżentata min Tania Aguis Borg u din tinkludi kanzunetta min Lior Schembri, filmati dwar il-Ħamrun, kif ukoll preżentazzjoni ta’ l-APP ta’ l-Kunsill. Il-Kunsilliera Carmen Borg sa’ tintroduci ir-rikonoxximenti.
- Qabel is-serata issir quddies fis-Santwarju ta’ s-Samra.
- Jingħataw apprezament daw il-persuni: is-Sinjura Maria Grech, is-Sur ray Fauzza, is-Sur Alfred Caruana Ruggier, il-Professur George Cassar, is-Sur Mark Buttigieg, is-Sur Nigel Attard, is-Sur noel Debbatista, is-Sinjura Priscilla Dimech, is-Sur Joseph Bugeja, s-Suor Elisabeth Falzon, is-Sinjura Joanne Camilleri u is-Sinjura Tessie Mangion. Kif ukoll is-Sur Joseph Portelli kif diġa ġie maqbul
- Sa’ jsir ordni ta’ ikel u xorb għal waqt is-serata.
- Sa jingħataw il-premjiet ta’ Capture D festa 2019
- It-Trofej ħa jkunu ordnati u sa tikoordina il-Kunsilliera Carmen Borg

**29.05 Milied fil-Ħamrun**

29.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li min riċerki li għamel il-kunsill, l-ispiża hi ta’ madwar €270 / €300 kull pavaljun. Huwa issuġerixxa li jiġu mżejjna b’żewġ dissinji differenti Triq il-kbira San Ġuzepp kif ukoll triq Kapillan Mifsud. Huwa issuġerixxa wkoll li l-għaqdiet ta’ l-armar jistghu jarmaw il-pendenti ta’ triq il-Kbira, ċertu zoni u parti min triq il-Kbira. Kunsill qabel unanimament.

**29.06 Proġetti fil-Ħamrun**

29.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** qal li wara li intbgħatu l-ittri, ma' kellna ebda ilment mir-residenti ta' triq Qrejten, għaldaqstant issuġerixxa li jibda jsir it-tisbiħ pjanat bil-kuntratur ta' l-kunsill. Kunsill qabel unanimament.
.

29.06.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill, li l-perit isottometa l-pjanti ta' triq Manuel Magri lil Transport Malta.

29.06.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill, li minħabba l-proġett ta' l-bandli fi' triq is-Sorijiet, qed nistenew mil-perit.

29.06.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill, li għal proġett ta' Liceo Roof Garden hemm bżonn issir l-evalwazzjoni. Huwa issuġerixxa lil Christian Avelinno bħala Charmain u lil Daniel Bugeja bħala Segretarju filwaqt li l-voting members ikunu Adrian Mifsud, Patrick Vella u Christoper Camilleri. Kunsill qabel unanimament.

29.06.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill, li irċevejna stedina għal laqgħa fis-16 ta' Settembru f'nofsinhar ma' Wasteserve dwar il-proġett ta' Pjazza 7 ta' Ġunju.

29.06.06 **Il-Kunsillier Vincent Bonello** qal li huwa mhux lest jattendi laqgħat meta ix-xogħol diġa beda. Huwa qal li biex jikunsidra li jintaqa ma' Wasteserve, irridt jieqaf ix-xogħol u min ħa jagħmel dan il-proġett ikun lest jintaqa ma' r-residenti. **Il-Kunsillier Vincent Bonello** irrimarka li għalih jiġu l-ewwel ir-residenti u mhux lest immur jigħdilom prosit meta dawn qas biss kellom id-diċenza li jinformaw il-kunsill li ħa jindew. Huwa irrimarka li jħossu urtat li dan il-proġett ha' jsir mingħajr konsultazzjoni ma' l-kunsill u wisq inqas ma' r-residenti. Għaldaqstant huwa reġa irrimarka li mhux lest jintaqa magħhom jekk il-progett ma' jieqafx.

29.06.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li anki huwa jinstab iddispjaċut li ma' ġejniex ikonsultati, iżda jemmen li għadna nattendu biex inkunu nistgħu inwaslu l-ilmenti ta' r-residenti kif ukoll niġbru iktar informazzjoni dwar il-proġett. Għaldaqstant huwa qal li huwa sa' jattendi din il-laqgħa biex ikun jista' jwassal il-messaġ ta' r-residenti.

**29.07 Hamrun Chocolate Festival**

29.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li minħabba li huwa diffiċli li jsiru attivitajiet ta' l-massa, tiġi organizzata xi' ħaga li jfakkar fil-Festival ta' ċ-Ċikkulata. Kunsill qabel li jsir filmat u naraw il-possibilta' li jsir xi ħaġa fil-pjazzezz.

**29.08 Skeda ta' Ħlasijiet**

29.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru 2021.

**Il-Kunsillier Josef Cuschieri** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti** issekonda il-mozzjoni**.**

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**29.09 Ħwejjeġ Oħra**

28.09.01 **Il-Kunsillier Carmen Borg** fakret dwar ir-rikordju għal dawk li hallewna waqt il-pandemija. Il-Kunsill qabel li din tiġi diskussa iktar il-quddiem, meta l-pajjiż ikun rebaħ uffiċjalment din il-battalja.

**29.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

29.10.01 Il-laqgħa intemmet fid-8:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tlieta 12 ta' Ottubru, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 12 ta' ottubru, 2021

| | |
|---|---|
| _______________________ | _______________________ |
| Christian Sammut | Daniel Bugeja |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |